# Kif nista nemmen f'Alla li ma narax?



Joseph Mizzi

**Kif nista’ nemmen f’Alla li ma narax?**

Copyright © 2015 Dr Joseph Mizzi

www.josephmizzi.blogspot.com

Mort inżur ħabib tiegħi, u miegħi ħadt ġeġwiġija ħsibijiet.

Sa minn ċkuniti ommi, missieri u l-għalliema tar-reliġjon indottrinawni fuq Alla. "Alla jinsab fis-sema... Alla ħalaq kollox... Alla jarak il-ħin kollu... Alla ma jiħux pjaċir jekk ma tobdix..." Qatt ma niftakar żmien li ma kontx nemmen f'Alla, imma qatt ma kont staqsejt għaliex nemmen. Fejn jifhmu l-ġenituri jew l-għalliema? Lanqas huma qatt ma rawh. Għallmuni li fil-bidu Alla ħalaq il-bniedem. Min jaf kienx il-bniedem li ħalaq 'l Alla fl-immaġinazzjoni tiegħu?

Dħalt id-dar ta' sieħbi. Sibtu qed jilgħab bil-Lego fuq mejda fil-kamra tat-televixin. 'Joe,' bdejt mingħajr ma tajtu ċans isellimli, 'kif taf li hemm Alla?' Baqa' jilgħab donnu ma ma sema' xejn. 'Ix-xjenza qatt ma skopriet lil Alla, anzi, għall-kuntrarju, illum l-evoluzzjoni skreditat il-ħrafa ta' Adam u Eva u tal-ħolqien. Alla, tgħid int, ma jidhirx. Skuża konvenjenti! Irrid evidenza loġika li hemm Alla...'

Dar fuqi, tani f'idejja blokka ħamra tal-Lego, u qalli, 'L-evidenza qiegħda f'idek.'

Bqajt niċċassa lejn il-blokka. X'għandha x'taqsam mal-mistoqsija? Ipprovajt naħseb... imma ma stajtx nara x'ried ifisser. Waqaf mil-logħob. Dar fuqi u staqsieni: 'Dik il-blokka eterna?'

'Le, xi ħadd għamilha mill-plastik, imma x'għandu x'jaqsam?'

'U l-plastik li għamluha minnu, etern?'

'Le, il-plastik għamluh miż-żejt.'

'U ż-żejt etern?'

'Le, ifforma eluf ta' snin ilu mis-siġar u l-ħxejjex.'

'Is-siġar u l-ħxejjex eterni?'

'Le! Le!' weġibt irritat. 'Infatti la d-dinja, la s-sistema solari, la l-galassji, u lanqas l-univers mhuma eterni.'

'Allura?' staqsieni.

‘Trid tgħid li xi ħadd għamilhom?’

‘Huwa loġiku jew illoġiku tgħid li x-xejn sar xi ħaġa? Huwa loġiku jew illoġiku tistqarr li xi ħadd ħalaq kollox?’

‘Skond it-teorija tal-Big Bang jingħad li l-univers beda bi spluzzjoni ta’ ‘primeval atom’ 13-il biljun sena ilu.’

‘Ejja nassumu li din it-teorija korretta. Min fejn oriġinat dik il-‘primeval atom’, weġibni?’

‘Xi xjentisti jemmnu li dik il-‘primeval atom’ kienet minn dejjem...’

‘X’għadek kemm għidt?’ qabeż f’nofs sentenza.

‘Jemmnu...’ bdejt nirrepeti jien.

‘Jemmnu?’ reġa’ interrompieni.

‘Iva, hekk jemmnu.’

‘Għandhom evidenza xjentifika għaliex jemmnu hekk?’

Ħsibt, u wara ftit sqarrejt: 'Le, sa fejn naf jien m'għandhomx.'

'Għaliex mela jemmnu li dak l-atomu huwa etern? Jista' jkun li għandhom xi pretensjoni filosofika?'

'Issa qed nifhem,' weġibt b'entużjażmu. 'Xi xjenzati huma ateisti, imma l-ateiżmu tagħhom m'għandu x'jaqsam xejn mal-fatti tax-xjenza. Il-Big Bang forsi tispjega l-iżvilupp tal-univers. Imma ma tweġibx il-mistoqsija ewlenija: Min fejn oriġina l-univers?'

'Erġa' ħares lejn il-blokka tal-Lego, u għidli tweġibx il-mistoqija tiegħek.'

Ħarist lejha, u wara ftit bdejt nitkellem, aktar miegħi nnifsi milli ma' ħabibi. 'Il-Lego u l-bqija ta' l-univers m'humiex eterni. Imma il-Lego u l-univers jeżistu. Bilfors mela kien hemm xi ħadd qabel l-univers li ħalaq l-univers.' Irringrazzjajtu u tlaqt lejn id-dar. Fuq il-komodina poġġejt biċċa

evidenza loġika għall-eżistenza t'Alla - blokka ħamra tal-Lego.

* * *

Meta stenbaħt ix-xemx kienet diġà telgħet. Bqajt nitgħażżen għal ftit fis-sodda. Kien is-Sibt, u ma kienx hemm għalfejn inqum kmieni nipprepara għall-iskola. 'Ladarba l-univers mhux etern, bilfors hemm Alla,' bdejt naħseb bejni u bejn ruħi. Ġieni ħsieb ikrah. 'Stenna ftit! Min jaf, forsi dak l-atomu oriġinali fil-fatt kien etern. Tassew m'hemmx prova xjentifika li kien hekk imma lanqas hemm prova xjentifika li ma kienx.'

Ħriġt minn taħt il-kutri. Ħallejt is-sodda mqallba, qbadt il-blokka tal-Lego u erġajt tlaqt għal għand Joe. Daħħalni fil-kamra tat-televixin. Innotajt li kien bena kastell elaborat bil-Lego. Imma ħsiebi ma kienx fil-logħob. 'L-eżistenza tal-univers mhix prova tal-eżistenza t'Alla,' bdejt jien. 'Jekk l-univers huwa etern, m'hemmx ħtieġa ta' Ħallieq.'

‘Sewwa qed tgħid,’ weġibni xott xott. ‘Dawk huma ż-żewġ possibiltajiet loġiċi: jew univers temporanju u Alla etern, jew univers etern u Alla fittizju jirreġistra għax-xogħol.’

‘Imma l-eżistenza tal-univers mhix prova ċerta tal-eżistenza t’Alla.’

‘Hekk hu,’ kompla bl-istess ton.

‘Mela l-argument tal-bieraħ ma wassalna mkien.’

‘Mhux eżatt. Inti tlabt evidenza loġika favur l-eżistenza t’Alla. Il-konklużjoni tiegħek li jeżisti Ħallieq etern tiddependi fuq il-premessa li l-univers mhuwiex etern. Imma l-argument tiegħek jibqa’ validu.’

‘Iva. Imma mhux biżżejjed. Hawn ħa, ġibtlek lura l-Lego li ħadtlek il-bieraħ.’

Irringrazjani u offrieli kikkra kafè. M’għidtlux le, u biex inbiddel id-diskors, komplejt: ‘Prosit kemm ġie sabiħ il-kastell. Kemm domt biex bnejtu?’

‘Kif taf li bnejtu jien?’

‘Mhux ovvju! Jekk ma bnejtux int, xi ħadd bnieh żgur.’

‘Ngħidlek is-sew, jien bnejtu. Imma fil-fatt seta’ bnieh in-neputi tiegħi.’

‘Min, Michael? Mela tifel ta’ tliet snin kapaċi jibni kastell artistiku bħal dak, jew?’

‘Ma tridx wisq għerf. Kulma għamilt tfajt il-blokki kollha ġo kaxxa tal-kartun, ħawwadthom sew, u ara, dan hu r-riżultat li ħareġ.’

‘Joe, m’għandix aptit ċajt. Biżżejjed gerfixtni dwar il-kwistjoni tal-eżistenza t’Alla.’

‘Andrè, qed inkompli mal-argument tal-bieraħ. Qed nagħtik iżjed evidenza favur l-eżistenza t’Alla. Għidli, għaliex il-kastell ma setax jinbena waħdu?’

‘Tajba din! Sa fejn naf jien, xi ħaġa kumplessa ma tiġix weħidha, hekk b’kumbinazzjoni. Hemm bżonn moħħ biex jaħsibha u jibniha. Ma naħsibx li Leonardo da Vinci xerred iż-żebgħa fuq it-tila u ħarġet il-Mona Lisa. Jekk hemm dar ifisser li hemm

perit u bennej; jekk hemm karozza, ifisser li hemm disinjaturi u ħaddiema tas-sengħa.’

‘Prosit. Fil-laboratorju tal-bijoloġija tara evidenza favur ħallieq intelliġenti?’

‘Ikolli ngħid li l-pjanti u l-annimali għandhom livell ta’ komplessità stupenda, ferm aktar millli nistgħu nimmaġinaw. Però fil-bijoloġija jgħallmuna li l-ħajja evolviet mill-kimiċi fuq medda ta’ miljuni ta’ snin.’

‘Oriġini spontanja, hux? Imma dik it-teorija ma kinitx skreditata minn Louis Pasteur?’

‘Veru. Qabel kienu jaħsbu li d-dud jiżviluppa spontanjament mil-laħam mnawwar u l-bacteria minn materjal organiku. Pasteur wera li l-ħajja tiġi dejjem mill-ħajja. Dan hu prinċipju fondamentali fil-bijoloġija,’ għidtlu jien.

‘Ma taħsibx li l-evoluzzjoni tikkontradixxi dan il-prinċipju? Din it-tejorija tisħaq li l-ħajja żviluppat spontanjament mill-elementi tagħha.’

‘Hekk jidher. Qisu qed ngħidu li l-kastell tiegħek ifforma b’kumbinazzjoni għax ħawwadt il-blokki flimkien,’ weġibt imħasseb.

‘Għidli, qatt ġie provat xjentifikament li l-ħajja bdiet weħidha?’

‘Le, sa fejn naf jien. Imma nissupponu li grupp ta’ xjentisti jqattgħu ħafna snin fil-laboratrju jesperimentaw bl-aktar apparat sofistikat u fl-aħħar jirnexxilhom joħolqu ċellola ħajja. Ma jkunux taw prova li l-ħajja tista’ tinbena mill-elementi tagħha?’

‘Iva, imma l-kwistjoni mhix dik. Il-mistoqsija hi jekk il-ħajja tistax tiżviluppa mingħajr direzzjoni intelliġenti. Infatti, jekk qatt jirnexxilhom joħolqu l-ħajja, ikunu taw prova li l-ħajja tista’ tinħalaq. Iżda mhux spontanjament.’

‘Kos, hux! L-istess intelliġenza u xogħol tagħhom ikunu evidenza favur il-ħtieġa ta’ Ħallieq intelliġenti. Għaliex mela l-bijoloġisti jgħallmu li l-ħajja oriġinat spontanjament ladarba m’hemmx prova xjentifika?’

‘Forsi għandhom xi preġudizzji filosofiċi,’ issuġġerixxa Joe.

‘Preġudizzji?’

‘Ix-xjenza moderna hi miżmuma ostaġġ ta’ filosofija partikolari, il-materjaliżmu. Mil-bidu nett jassumu li kull realtà tikkonsisti biss minn forzi u ħwejjeġ fiżiċi u m’hemm xejn barra mill-isfera fiżika. Għalhekk bilfors ikollhom jagħtu spjegazzjoni tal-oriġini tal-ħajja skond il-qawwiet fiżiċi, hi x’inhi l-evidenza kuntrarja.’

‘Qisu wieħed iddeċieda minn qabel li l-kastell tiegħek bilfors inbena b’kumbinazzjoni mingħajr direzzjoni u ħidma ta’ moħħ intelliġenti. Hekk mhux sew. Wieħed għandu jkun miftuħ għal kull possibbiltà biex jasal għall-aħjar konklużjoni.’

‘Jekk mela tikkonsidra ż-żewġ possibbiltajiet – li l-ħajja oriġinat bil-forzi għomja tan-natura, jew li kienet maħluqa bi ħsieb intelliġenti – l-evidenza lejn liema naħa xxaqleb?’ Mit-tieqa qed nara karozza; l-partijiet differenti (il-magna, is-sistema tal-fuel u

tal-elettriku) jiffunzjonaw f'armonija biex jintlaħaq l-effett mixtieq -- xhieda tal-għerf, l-għaqal u s-sengħa tal-bniedem. Fl-istess ħin inħares lejn il-ġisem uman, bl-organi, l-iskeletru u l-muskoli jaħdmu flimkien biex nimxu, nitħarrku, nieklu u niddiġerixxu l-ikel, nieħdu l-ossiġenu, u neħilsu mill-gassijiet u sustanzi tossiċi, inħossu, naraw u nitkellmu. Forsi m'hemmx ħjiel ta' għerf, għaqal u sengħa f'dan kollu? Jew, ħu biċċa xogħol tal-kitba, rumanz jew teżi. L-ittri imqegħda f'ordni partikolari u preċiża, flimkien mal-punteġġjatura u spazji bejniethom, jesprimu il-ħsieb tal-awtur. Issa f'bajda fertilizzata hemm mijiet ta' kotba ta' informazzjoni ġenetika – miktuba b'alfabett tad-DNA – u dan kollu fi spazju mikroskopiku. Din l-informazzjoni tidderieġi l-iżvilupp taċ-ċellola biex tinbidel fi bniedem bħali u bħalek! Jew ħu l-kumpjuter; mhux xhieda tal-ġenju uman? Allura l-moħħ uman li vvinta l- kompjuter, u min jaf x'għad nivvintaw aktar, mhux xhieda tal-ġenju tal-Ħallieq?'

‘Joe, għidna biżżejjed,’ weġibtu jien, ‘Pjaċir wieħed biss irrid mingħandek. Agħtini l-kastell biex inżommu bħala trofew tal-loġika favur l-eżistenza ta’ Ħallieq intelliġenti.’

‘Jiddispjaċini, il-Lego ta’ Michael, in-neputi. Imma ma jimpurtax, iftaħ għajnejk - madwarek issib kemm trid evidenza ta’ intelliġenza u ħsieb.’

* * *

Meta wasalt lura d-dar u tlajt f’kamarti sibt is-sodda mifruxa. ‘Stenna ftit! Meta tlaqt ħallejtha mqallba ta’ taħt fuq. Forsi daħal ir-riħ u rranġa l-lożor u l-kutri u l-imħadda f’posthom?’ għidt bejni u bejn ruħi. ‘Ma tarax!’ Inżilt niġri isfel. Sibt ‘l ommi fil-kċina u tajtha bewsa fuq ġbinha.

‘X’ġaralek, Andrè?’ qaltli sorpriża. ‘Mhux soltu!’

‘Grazzi, ma, tal-prova loġika li tajtni dalgħodu favur l-eżistenza ta’ Ħallieq intelliġenti.’

Ommi, miskina, baqgħet tħares ċassa lejja.

* * *